# Il-Figura ta' San Guzepp fil-pittura tal-Kav. Emvin Cremona.

MINN FR. PATRICK G. ABELA, O C.

Fil-bidu ta' din is-sena, Malta tilfet wieħed mill-egħżeż ulied tagħha, bniedem li ħabbha u li għamel minn kollox biex tkun magħrufa minn kulħadd permezz tat-talenti kbar li Alla għoġbu jżejnu bihom. Il-Kav. Emvin Cremona għadda għall-ħajja aħjar u warajh ħalla wirt kbir lill-poplu Malti kollu biex jibqa' jitgawda minn ġenerazzjoni għall-oħra. Mingħajr biża' ta' xejn wieħed jista' jgħid li l-Kav. Emvin Cremona huwa l-ikbar pittur li deher f'Malta f'dan is-seklu li ninsabu fih. Diġa' saru bosta studji fuqu u għad ikun hemm ħafna oħrajn li jkomplu jfittxu aktar bir-reqqa fuq dan il-pittur li mhux biss għamel isem kbir għalih innifsu imma rnexxielu li jpoġġi isem Malta fuq il-mappa tad-dinja, għax l-arti tiegħu ġriet u ġiet ammirata minn bosta nies li qabel qatt ma kienu jafu bl-isem tal-Gżira tagħna.



Disinn ta' Cremona li fuqu nħadmet l-istatwa ta' San Ġużepp li tinsab għand il-Little Sisters of the Poor, il-Hamrun.

Iż-żewġ suġġetti favoriti tiegħu kienu r-reliġjon u l-ambjent Malti, u fuq dawn it-tnejn ħadem bis-sħiħ, speċjalment fuq l-ewwel wieħed, għax peress li l-Knisja Maltija minn dejjem kienet il-protettriċi ta' l-arti allura Cremona sab fiha dik il-patruna li fi ħdanha seta' jiżviluppa t-talenti kbar li kellu. Is-suġġetti reliġjużi li pitter Cremona huma ħafna, anzi nistgħu ngħidu li mess l-aspetti kollha tar-reliġjon tagħna. Mhux il-każ li f'dan l-artiklu qasir wieħed jikkummenta jew igħid fuq dak kollu li Cremona pitter dwar ir-reliġjon

kattolika jew il-qaddisin tagħha, għalhekk jien se nsemmi biss xi ħaġa żgħira fuq dak li hu għamel dwar l-akbar qaddis li għandha l-Knisja u li Hi għażlitu biex ikun il-patrun universali tagħha. U ngħid dak li l-aktar laqat 'ili, kull meta ħarist lejn xi opra fuq San Ġużepp li ħarġet minn idejn Cremona.

Meta wieħed jidħol f'ċerti knejjes tagħna bħalma huma ta' l-Imsida, il-Ħamrun, il-Furjana jew anke f'xi kappelli żgħar oħra, mingħajr ma jrid iħossu jinġibed lejn il-figura ta' San Ġużepp kif impittra minn Cremona u fiha jsib dik ix-xi ħaġa li ma jsibx f'artisti oħra u għalhekk mill-ewwel jinduna anke jekk ħadd ma jkun qallu xejn li dak ix-xogħol hu opra ta' artist li f'dak li hu stil innexxielu jinqata' għalih waħdu.

**San Ġużepp Żagħżugħ**

Ħafna artisti kbar, fid-dinja kollha pinġew il-figura ta' San Ġużepp u x-xogħol tagħhom hu meqjus bħala opri monumentali. Imma meta wieħed joqgħod jara sew ix-xogħol tagħhom isib li dawn imxew ma' dik it-tradizzjoni li kienet daħlet fil-Knisja, li meta San Ġużepp iżżewweġ lill-Madonna, kien diġa raġel imdaħħal fiż-żmien, jekk mhux ukoll bħala raġel xiħ sewwa. Għall-kuntrarju, Cremona dejjem ħares lejn San Ġużepp bħala dak l-qaddis li għalkemm jidher li għandu 'l fuq minn tletin sena, hu raġel fl-aħjar tażżmien tiegħu, mimli bl-enerġija tal-ħajja, jaf x'irid u x'inhu jagħmel u konvint mill-missjoni kbira li l-Misser Etern għoġbu bi providenza divina jafdalu f'idejh.

Prova ċara ta' dan li qiegħed ngħid insibuha fis-saqaf tal-knisja parrokkjali ta' l-Imsida fejn Cremona għamel ħafna xogħlijiet differenti. Hawn naraw fost affarijiet oħrajn, iż-żwieġ ta' San Ġużepp mal-Madonna, it-twelid tagħhom lejn Betlehem u l-ħarba lejn l-Eġittu, tliet episodji li kienu fil-bidu tal-ħajja ta' San Ġużepp ma' Marija. Kemm il-wiċċ kif ukoll il-qagħda ta' San Ġużepp juruna ż-żgħożija tiegħu u l-konvinzjoni li kellu li jaqdi bir-reqqa kollha l-pjani li Alla afdalu f'idejh.

B'hekk Cremona poġġa lil San Ġużepp fil-veru post tiegħu fil-Knisja, li mhux sempliċi raġel xiħ li qiegħed jieħu ħsieb it-Tfajla ta' Nazareth, imma l-veru Għarus Kastissimu tal-Verġni Bint Sijon u sieħeb tagħha fit-twettiq tal-pjan tas-salvazzjoni. Din il-karatteristika ta' Cremona li juri lil San Ġużepp bħala wieħed żagħżugħ insibuha mhux biss fl-Imsida imma fl-opri tiegħu kollha u jkun tajjeb li wieħed jmur jara tal-Ħamrun, Ħal Għaxaq, Sant' Injazju ta' Tas-Sliema, San Ġużepp knejjes oħrajn bħal per eżempju Ħaddiem u Sant'Antnin ta' Birkirkara eċċ., u mingħajr ma jrid iħoss fih tikber il-qima lejn Ġużeppi l-Bniedem Ġust, li fiż-żgħożija tiegħu mexxa lill-Familja Mqaddsa fit-taħbit kollu li għaddiet minnu fuq din l-art.

**Ħlewwa ta' Missier**

Meta wieħed jifli sewwa l-opri ta' Cremona dwar San Ġużepp, malajr jintebaħ li dan il-qaddis kien

tassew għal qalbu u ma kienx ipinġih sempliċiment għax ikun imqabbad biex jagħmel kwadru ta' pittura, jew disinn ta' statwa tiegħu. Jidher ċar li kien jaf min hu San Ġużepp u x'kienet il-pożizzjoni tiegħu fil-Familja Mqaddsa u b'hekk permezz ta' l-arti, Cremona jirnexxilu jkabbar id-devozzjoni fil-qlub tad-devoti tiegħu.

Għalhekk kienet ħaġa naturali, li minn id Cremona ħarġet karatteristika oħra fuq San Ġużepp li taqbel mal-verità tal-ħajja tiegħu. Għaliex San Ġużepp ma kienx biss l-Għarus tal-Verġni Marija imma wkoll il-Missier Putattiv ta' Ġesu'. F'dak kollu li Cremona għamel dwar San Ġużepp, toħroġ qawwija l-ideja ta' mħabba li dan il-qaddis kellu lejn it-tfajjel Ġesu', u għalhekk fuq wiċċ San Ġużepp naqraw dik il-ħlewwa ta' missier li kienet tixgħel fil-qalb tiegħu waqt li qiegħed jieħu kura ta' Dak li Alla l-Missier ried li f'din l-art ikun taħt il-ħarsien ta' San Ġużepp. Il-ħarsa ta' San Ġużepp lejn Ġesu' hi ħarsa ta' mħabba. Ta' missier lejn ibnu. Ta' qaddis lejn Alla tiegħu.

Cremona laqat tajjeb ħafna l-ewwel snin u t-tfulija ta' Ġesu' fir-relazzjoni ma' San Ġużepp. Daqqa narawh għarkubtejh jadura lil ibnu Bin Alla, daqqa jgħannaq miegħu u jħaddan lit-tifel tal-Verġni Marija u minn xi daqqiet narawh ukoll jieħu ħsieb imexxi lil Ġesu' fl-ewwel passi tal-ħajja tiegħu fuq din l-art. Fi ftit kliem wieħed jista' jgħid li meta nħarsu lejn San Ġużepp ta' Cremona, toħroġ qawwija ħafna dik l-intimita' ta' mħabba u ħlewwa li San Ġużepp kellu lejn it-tfajjel Ġesu'. Intimita' ta' mħabba li kienet ħierġa minn moħħ imdawwal mis-sema u minn qalb mimlija bi mħabba divina. Intimita' ta' qalb ħelwa w umli. Intimita' ta' bejn tnejn li fehmu lil xulxin. Għalhekk ħaqqu kull tifħir il-pittur Cremona, għax fix-xogħol tiegħu dwar San Ġużepp tana dak kollu li fuqu tgħallem Ommna l-Knisja Mqaddsa, u għalih il-pinzell kien il-mezz li bih għamel u għadu jagħmel l-aqwa priedki fuq San Ġużepp.



Tajjeb li wieħed ikun jaf li meta fl-1963, saret l-Inkurunazzjoni ta' San Ġużepp ix-Xiħ, il-pittur Emvin Cremona, ġie mqabbad biex jagħmel id-disinn tas-santa speċjali li kienet ħarġet bħala tifkira ta' l-Inkurunazzjoni. Bħas-soltu tiegħu Cremona tana pittura sabiħa u oriġinali kif kien jaf jagħmel hu, u llum din is-santa tinsab miżmuma b'għożża kbira fid-djar tal-Ġużeppini Rabtin.